**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 17 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**-vs-**

**Omissis;**

**Dylan Cardona detentur tal-karta tal-identità 138395M; u**

**Omissis**

***Kumpilazzjoni Nru. 223/2017***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Omissis, Dylan Cardona u Omissis, u ċioè talli:

> Nhar il-11 ta' Mejju, 2017, ghal habta tal-10:15 hrs ta' filghaxija minn gewwa stabbiliment kummercjali bl-isem ta' Eat, Drink and Play sitwat f'San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jikkomettu id-delitt ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u hin, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt u li tali delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom;
>
> Fil-konfront ta' Omissis talli flistess data, lok, hin u cirkostanzi imsemmija fil-paragrafu ta' qabel, xjentement ghenet u assistiet lill-awturi biex jigi kkunsmat id-delitt ta' serq aggravat;

> Fil-konfront ta' Omissis u Omissis talli fix-xahar ta' Mejju 2017 minn gewwa l-Qawra Palace Hotel, sitwat fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, ikkomettew serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-mezz u hin.
>
> Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Omissis bhala recidiv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat li fl-ewwel udjenza l-imputat rregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu, n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, kif ukoll tal-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 262(a),(b),(c)(f), 263, 267, 270, 276, 277(b), 280(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlettin xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni fuqu impost.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**